MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 3/2005

**Paul Cutajar**

**vs**

**Bugeja Marbles Ltd**

**Il-Qorti,**

Konsegwentement ghad-decizjoni taghha tal-5 ta' April 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi din il-Qorti ghaddiet biex innominat perit tekniku ghad-determinazzjoni u gudizzju tieghu tal-kontroversja bejn il-kontendenti;

Fir-relazzjoni tieghu l-perit ghamel dawn ir-riljievi precizi:-

(1) Jezistu qasmiet fil-wicc tal-granit fuq il-*cupboards* tal-kcina. Fl-opinjoni tieghu dawn il-qasmiet huma dovuti wkoll ghal mod kif inhu mqieghed il-wicc tal-granit. Huwa rrileva wkoll illi tezisti probabilita` kbira li

dawn il-qasmiet ikomplu jikbru u maz-zmien jinfirxu mal-wisgha tal-wicc kollu;

(2) L-ispiza komplessiva ghar-rimpjazzar tal-wicc difettuz u tax-xoghlijiet konnessi hi dik ta' mitejn lira (Lm200). Kif spjegat mill-perit in eskussjoni biex wasal ghal din is-somma huwa ha in konsiderazzjoni l-kejl ta' l-area superficjali tal-granit u ddividih bis-somma kkuntrattata. Oltre dan ghamel rizerva ghax-xoghol involut biex jinqala l-wicc tal-granit difettuz u jerga' jitqieghed bi granit ta' l-istess kwalita`;

(3) Ma kienx hemm gustifikazzjoni ghal lanjanzi dwar il-varjazzjoni fil-kulur tal-granit li nbidel mis-socjeta` konvenuta mal-kumplament tal-wicc u dwar li parti millimetrika sporgiet 'il barra. Fil-fehma tal-perit l-avarija fil-kulur hi dovuta ghal kwalitajiet naturali fil-granit innifsu u kwantu ghad-diskrepanza fil-parti li thalliet 'il barra din hi minimali u tinsab f' post fejn ma jaghtix fil-ghajn hafna;

Fermi dawn il-konstatazzjonijiet u accertamenti, ma jistax ikun dubitat illi l-perizja hi mezz istruttorju affidata ghall-apprezzament prudenti tal-gudikant, li jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-konkluzjoni. Jekk jaqbel pero` ghandu jzomm ruhu fil-limitu intrinsiku tal-perizja u, cjoe, ta' dak l-iskop taghha ghar-rizoluzzjoni tal-kwestjoni teknika tal-materja;

Jinghad in tema illi "l-opinjoni espressa minn perit jew periti nominati mill-Qorti hi dejjem parir u, kif jiddisponi espressament l-Artikolu 681 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili l-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha." ("**Constantino Gauci -vs- Annunziato Scerri *et***", Appell Civili, 15 ta' Mejju 1967). B' danakollu, issokta jigi pprecizat ukoll illi dawk il-konkluzjonijiet peritali ma ghandhomx jigu facilment skartati jekk fil-kumpless ma jkunux irragonevoli ("**Giswarda Bugeja *et* -vs- Emmanuele Muscat *et***", Appell Civili, 23 ta' Gunju 1967) u ma jkunux ingiebu ragunijiet li gravement ipoggu fid-

dubbju dik l-opinjoni teknika ("**Philip Grima -vs- Carmelo Mamo *et nomine***", Appell, 29 ta' Mejju 1998);

Minn dawn id-decizjonijiet u dawk l-ohra li jitrattaw ukoll fuq il-portata tal-konkluzjonijiet peritali jitnissel li l-perizja hi fonti oggettiva ta' prova in kwantu ghall-accertament ta' sitwazzjoni ta' fatt li ma jkunux rilevabbli hlief bir-rikors ghal konjizzjoni teknika determinata; fil-fattispeci, id-difetti fil-granit. Forsi jista' jizdied illi aktar minn mezz ta' prova l-perizja hi strument ta' valutazzjoni taht il-profil tekniku ta' dawk l-elementi idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tal-gudikant;

Premess dan, opportunement il-Qorti thoss li ghandha tuniforma ruhha ghall-parir ta' l-espert taghha, kemm ghaliex hi ma ghandhiex l-formazzjoni necessarja tan-natura teknika tal-materja, kif ukoll ghar-raguni illi l-esposizzjoni tal-motivazzjoni dedotta fir-relazzjoni ghandha forza perswasiva u konvincenti u din bl-ebda mod ma giet skossa b' ragunijiet li gravement iqeghdu fid-dubbju dik l-istess motivazzjoni u opinjoni teknika;

F' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti ssib li l-ilment ta' l-appellat hu gustifikat in kwantu relatat ghad-difett riskontrat fil-wicc tal-granit u, bl-akkoljiment tal-perizja, ser tghaddi biex tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrizarcixxi lill-appellat is-somma stabbilita ta' mitejn lira Maltija (Lm200) in linea ta' danni.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, bl-adezjoni tar-rapport peritali, tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' mitejn lira Maltija (Lm200) in linea ta' danni. L-ispejjez gudizzjarji kollha tal-prezenti gudizzju jibqghu a karigu tas-socjeta` konvenuta. Dawk tad-decizjoni tal-5 ta' April 2006 jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------